**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 18 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 183/01**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Doris Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm326.26) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 667926 (skond kif jirrizulta mill-anness `statement' Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond Flat 3, Blokk G, Triq il-Luq, Zabbar, u dana skond ma kif jidher mill-anness `service agreement' Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju, 1999, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici. Ghaldaqstant wara li semghet bil-gurament lil Pl Noel Scerri u rat id-dokumenti esebiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata  u timmerita konferma ; u ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba

attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija sitta u ghoxrin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmi (Lm326.26c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-7 ta' Marzu 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 18 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 1255/00**

**Valhmor Borg Import Export Limited**

**Vs**

**Martin Cilia**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm653.75) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' oggetti ta' l-ikel ghall-konsum lilu mibjugha u kkonsenjati, kif ukoll ihallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mil-1 ta' Jannar 1999 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Lulju 1999, tal-mandat ta' Qbid kawtelatorju li qieghed jigi ntavolat kontestwalment u bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma' deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' sitt mija tlieta u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm653.75c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Jannar tal-1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia | Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 18 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 151/01**

**Vincent Cuschieri Limited**

**Vs**

**Henry Sultana**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija tlieta u disghin lira Maltin u disa' centezmi (Lm793.09), prezz ta' merci lilu mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-9 ta' Jannar 2001 u tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Settembru 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Jannar 2001 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' riduzzjoni prezentata mill-attur permezz ta' liema rriducew it-talba taghhom ghas-somma ta' erba' mija tlieta u disghin lira u disa' centezmi (Lm493.09) stante l-pagament akkont maghmul mill-konvenut fil-mori tal-kawza.

Rat illi l-konvenut ma deherx fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ridott fis-somma ta'

erba’ mija u tlieta disghin liri Maltin u disa’ centezmi (Lm493.09c).

Bl-imghaxijiet legali mid-9 ta’ Jannar tal-2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 18 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 1543/00**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**Vs**

**Daniela Caruana**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm729) rapprezentanti import ta' disa' (9) kambjali ta' wiehed u tmenin lira Maltin -il wahda (Lm81), debitament accettati u skaduti minn Frar 2000 sa Ottubru 2000 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 9 konsekuttivament u inklusivament. Bl-imghax kummercjali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-26 ta' Ottubru 2000 jammontaw ghal sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm26) oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2000 kontra l-konvenuta li hi ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma' dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll il-kambjali originali, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' seba' mija disa' u

ghoxrin lira Maltin (Lm729) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz. Inoltre tikkundannaha wkoll thallas l-imghaxijiet kummercjali skaduti sas-26 ta' Ottubru 2000 li jammontaw ghas-somma ta' sitta u ghoxrin lira (Lm26).

Bl-imghaxijiet ulterjuri b'effett mis-27 ta' Ottubru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 18 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 1232/98**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation p.l.c**

**Vs**

**Emanuel Abdilla**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija tnejn u sebghin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm672.19c) jew somma ohra verjuri, liema somma s-socjeta' attrici kienet obbligat li thallas a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nghatat sentenza kontra l-konvenut fit-12 ta' Lulju 1996 fil-kawza fl-ismijiet `Fogg Limited vs Emanuel Abdilla' (Citaz Nru 166/96 NA 1805/96DS), liema kawza kienet tirrigwarda incident tat-traffiku li sehh fis-6 ta' Marzu 1991 waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru T-8699 liema vettura kienet assikurata mas-socjeta' attrici meta sehh l-imsemmi incident, u ghal liema incident il-konvenut mhux biss m'ghamilx claim, izda wkoll naqas li jaghti avviz lill-assikurazzjoni bil-proceduri legali li kienu qed jittiehdu kontra tieghu u b'hekk kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza kif ser jigi spjegat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru 1997 u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan

l-Avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. U bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

Semghet il-provi li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Ghalkemm il-konvenut ma pprezentax nota tal-eccezzjonijiet huwa kien deher fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1998 u hemmhekk kien ikkontesta t-talbiet attrici u anke xehed in subizzjoni fejn iddikjara illi huwa m'ghandux jaghti xi flus lill-atturi.

Ghaldaqstant, stante din il-kontestazzjoni jispetta lill-atturi illi jippruvaw dak illi huma qeghdin jallegaw. Din il-prova kellha tikkonsisti fi prova cara u preciza tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni da parte tal-konvenut; fi prova li effettivament l-ammont indikat fl-avviz gie imhallas mill-kumpanija attrici abbazi tal-istess polza ta' assikurazzjoni u tigi prezentata l-ircevuta relattiva; u fi prova wkoll illi l-konvenut kien, kontra l-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni, naqas illi jinforma lill-kumpanija assikuratrici tieghu bil-kollizzjoni u bil-proceduri illi kellu pendenti kontra tieghu u li fl-ahharnett kien ser ikollha taghmel tajjeb ghalihom il-kumpanija assikuratrici.

Izda mill-provi prodotti l-kumpanija attrici la pproduciet il-polza ta' assikurazzjoni sabiex jigu indikati liema huma l-kundizzjonijiet illi l-konvenut allegatament kiser u lanqas ma saret il-prova dwar id-danni li hija soffriet a bazi tal-allegati nuqqasijiet tal-konvenut u dwar x'kienet is-somma illi hija effettivament hallset a bazi tal-istess polza.

Inoltre l-provi prodotti mill-kumpanija attrici dwar l-allegat diportament tal-konvenut, lanqas ma huma indikattivi bizzejjed li l-konvenut naqas illi jinforma lill-assikuraturi tieghu bil-proceduri legali pendenti kontra tieghu.

Infatti mid-deposizzjoni ta' Paul Buttigieg, illi huwa wiehed mid-dirigenti tas-socjeta' Buttigieg Brokers Limited illi kienu agenti tal-kumpanija assikuratrici, jirrizulta illi l-konvenut kien effettivament ghadda fl-ufficju ta' dawn il-Brokers bic-citazzjoni spedita lilu li kienet tirrigwarda l-kollizjoni `de quo' u dan il-fatt biss kellu jiftiehem bhala notifika sufficjenti lill-assikuraturi tieghu illi huwa kien gie citat quddiem il-Qorti

in konnessjoni mal-kollizzjoni in kwistjoni.

Infatti l-istess Paul Buttigieg, illi ghandu jitqies bhala rapprezentant tal-kumpanija assikuratrici, wassal lill-istess konvenut Emanuel Abdilla fl-ufficju ta' Gasan Insurance Agency armat bic-citazzjoni.

Inoltre anke mill-korrispondenza spedita mill-kumpanija attrici jirrizulta illi xi forma ta' claim il-konvenut kien ghamel u dan huwa ipprovat anke mid-dokument EA1 a fol 24 tal-process meta fit-8 ta' Mejju tal-1996 kienet saret interpellazzjoni mill-konvenut lill-kumpanija attrici b'referenza ghall-`motor claim' u gie indikat in-numru. Dan huwa indikattiv bizzejjed illi xi forma ta' claim il-konvenut kien ukoll ghamel mal-kumpanija assikuratrici .

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi l-atturi ma waslux ghall-prova sufficjenti minnhom rikjesta u ghaldaqstant tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 18 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 456/98**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Stephen Gerada**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltina u hamsa u tletin centezmu (Lm223.35) rapprezentanti d-danni li hu kkaguna lis-socjeta' attrici meta bejn is-26 u 29 ta' Mejju 1995 hu laqat `telephone cable' propjeta' tas-socjeta' attrici u dana waqt li kien qieghed jesegwixxi xogholijiet fi Triq it-Torri Imsida, u hekk kif ahjar spjegat mill-annessi dokumenti A sa D.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 1997 u bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

(1) Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, ghax hu ma jistax jigi mizmum responsabbli ghall-incident msemmi peress li l-eccipjenti kien qieghed jahdem taht struzzjonijiet u b'indikazzjoni tal-persuni mqabbdin mill-istess Socjeta' attrici.

(2) Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat il-verbal tal-5 t'Ottubru 2000 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni.

U ikkunsidrat:

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ssolevata mill-konvenut hija dik ibbazata fuq il-provvedimenti tal-Artiklu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jippreskrivi terminu ta' sentejn ghall-azzjoni li qed tigi esercitata mill-atturi kontra l-konvenut. Dan il-perjodu ta' sentejn irid jigi kkomputat mid-data ta' meta gew ikkawzati l-allegati danni sad-data ta' meta nbdew il-proceduri legali, sakemm fil-frattemp ma jkunx hemmx xi att iehor li seta' interrompa jew issospenda d-dekors ta' tali perjodu ta' preskrizzjoni.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-allegati danni gew ikkawzati f'xi gurnata bejn is-26 u d-29 ta' Mejju tal-1995. U ghalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni jkun idekorra u skada fis-26 ta' Mejju 1997. Izda l-atturi gabu prova sufficjenti illi permezz ta' ittra ufficjali spedita kontra l-konvenut fis-6 ta' Mejju 1997 notifikata fid-9 ta' Mejju 1997 huma kienu interrompew il-perjodu ta' preskrizzjoni fi zmien utili u ghalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni rega' beda jidekorri b'effett mis-6 ta' Mejju 1997 u ghalhekk ghandu jitqies illi jkun skada fis-6 ta' Mejju 1999.

Billi l-avviz odjern gie pprezentat fl-10 ta' Marzu 1998 u gie infatti notifikat lill-konvenut fit-18 ta' Marzu 1998, jidher illi l-preskrizzjoni ta' sentejn ma kinitx lahqet skadiet meta kien gie pprezentat l-avviz odjern. Izda jirrizulta illi l-avviz kif notifikat originarjament kontra l-konvenut kien jirreferi ghall-hsara illi kienet giet allegatament ikkawzata fis-16 ta' Marzu tal-1994.

Il-provi kollha pero' jindikaw illi din ma kinitx id-data tal-allegat incident illi a bazi tieghu l-kumpanija attrici qeghdin jippretendu d-danni. Il-provi kollha jindikaw illi l-allegata hsara li giet ikkawzata bejn is-26 u d-29 ta' Mejju tal-1995 u effettivament l-atturi talbu korrezzjoni fl-avviz biex id-data tas-16 ta' Marzu tal-1994 tigi mibdula ghad-dati bejn 26 u 29 ta' Mejju 1995 kif akkordat bid-digriet ta' din il-Qorti tal-10 ta' Gunju 1999.

Huwa ghalhekk importanti li din il-Qorti tikkonsidra jekk dan il-bdil tad-dettal li jirrigwarda d-data ghandux jigi kkonsidrat bhala biss skjariment tal-avviz ipprezentat mill-atturi, jew inkella ghandux jigi interpretat illi jikkostitwixxi avviz gdid fil-konfront tal-konvenut.

It-tul ta' zmien bejn iz-zewg dati huwa wkoll fattur rilevanti billi jelimina l-probabbilita' ta' zvista da parti tal-atturi u jippregudika lill-konvenut billi mhuwiex eskluz illi x-xogholijiet in kwistjoni kienu diga' mibdijin f'Marzu 1994 u anke mhux eskluz illi seta' ma kien hemm xi incident iehor fejn gew allegati danni mill-atturi.

Ghaldaqstant id-dettal tad-data fl-avviz odjern huwa dettal rilevanti u l-avviz in kwistjoni innotifikat kif korrett lill-konvenut fil-25 ta' Settembru 1999 ghandu jitqies illi gie kkompletat u sufficjenti biex jinterrompi l-preskrizzjoni ghar-rigward l-azzjoni attrici bbazata fuq id-danni illi gew ikkawzati f'Mejju 1995 b'effett mill-10 ta' Gunju 1999.

Ghaldaqstant billi l-perjodu ta' sentejna ta' preskrizzjoni kien diga' skada fis-6 ta' Mejju 1999, il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 18 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 600/98**

**Elmo Insurance Services Limited ghan-nom u b'nota tad-9 ta' Frar 2000 Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c. bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Saybolt Malta Ltd qed tassumi l-atti minflok Elmo Insurance Services Limited ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance and London Insurance plc bhala surrogat fid-drittijiet tal-assikurata taghha Saybolt Malta Ltd in rappresentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance and London Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Saybolt Malta Ltd u l-istess Saybolt Malta Ltd.**

**Vs**

**Martin Hall**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet li l-konvenut (1)

jigi dikjarat li hu responsabbli ghall-kollizzjoni li grat fid-19 ta' Lulju 1997 is-Siggiewi meta hu, waqt li kien qed isuq il-karozza Isuzu FAI 409, tort tieghu, habat mal-karozza Fiat AAG 265 misjuqa minn Andrew Sacco, ta' propjeta' tal-kumpanija attrici Saybolt Malta Ltd u assikurata mal-kumpanija attrici l-ohra u ghalhekk responsabbli ghad-danni (2) u jigi konsegwentement ikkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija tlieta u sebghin Lira Maltin sittin centezmi (Lm673.60) bhala danni kwantu ghas-somma ta' sitt mija tmienja u erbghin lira Maltin sittin centezmi (Lm648.60) lill-kumpanija attrici Elmo Insurance Services Limited nomine bhala s-somma minnha sbursata taht il-polza bhala konsegwenza tal-istess kollizzjoni u kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) lill-kumpanija attrici Saybolt Malta Ltd bhala s-somma minnha sburzata de proprio.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar 1998 u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-istess ittra ufficjali u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali kontestwali mibghuta skond il-ligi lill-kumpanija assikuratrici tal-karozza misjuqa mill-konvenut. Il-konvenut huwa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

(1) Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, billi l-kollizzjoni in kwistjoni ma saritx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort ta' Andrew Sacco, is-sewwieq tal-karozza tal-kumpanija assigurata Saybolt Malta Ltd kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni;

(2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tat-23 ta' Novembru 2000 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta'.

Ikkunsidrat:

Illi l-kollizzjoni mertu ta' din il-kawza hija wahda li grat fi triq pjuttost dejqa bejn zewg vetturi illi kienu misjuqin f'direzzjonijiet opposti u ghalkemm it-triq in kwistjoni ma rrizultatx illi kienet xi triq ghad-dritt, jirrizulta li din it-triq kienet toffri vizwali tajba bizzejjed liz-zewg sewwieqa biex setghu jindunaw bl-avvicinament ta' xulxin qabel ma effettivament waslu biex jghaddu wiehed hdejn l-iehor. Jirrizulta wkoll illi,

ghalkemm ma nghatax kejl ezatt tal-wisgha tat-triq, l-ispot of impact bejn iz-zewg vetturi kien pjuttost lejn `the crown of the road.' Fatt iehor li jirrizulta huwa illi fuq in-naha tax-xellug tal-konvenut fil-karreggjata tieghu kien hemm ostakolu maghmul minn xi hitan tas-sejjiegh illi kienu waqghu fuq ix-xellug tal-karreggjata tieghu.

Il-provi pero' ma jwasslux biex jindikaw jekk il-habta bejn il-vetturi gratx fil-karreggjata wahda jew l-ohra. L-Qorti qeghda ghalhekk tassumi, kif anke' jindika l-isketch, illi l-ispot of impact kien pjuttost fil-crown of the road. Ghalhekk ma jidhirx illi l-ostakolu li sab il-konvenut kellu xi rilevanza fil-kollizzjoni.

Mic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghalhekk jirrizulta illi stante d-daqs tal-vetturi u stante l-wisgha limitata tat-triq il-kawza tal-kollizzjoni kienet in-nuqqas taz-zewg sewwieqa involuti illi jimmoderaw il-velocita' taghhom meta kienu qed javvicinaw lill-xulxin. Infatti, il-brake marks imhollijin miz-zewg vetturi jindikaw bla dubbju illi ma sar ebda tnaqqis mill-velocita' meta l-vetturi avvicinaw sew lil xulxin u ghalhekk iz-zewg sewwieqa nvoluti jridu jirrispondu ghall-kollizzjoni. Il-Qorti qieghda tistabilixxi illi ghandhom jaqsmu r-responsabbilta' bejniethom nofs kull wiehed.

Ghaldaqstant issib illi l-konvenut Martin Hall huwa responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni fi grad ta' hamsin fil-mija u ghalhekk huwa tenut illi jhallas nofs id-danni rizultanti. Dawn id-danni li ma gewx ikkontestati jammontaw komplessivament ghas-somma ta' sitt mija tlieta u sebghin lira u sittin centezmu (Lm673.60c). U ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi Elmo Insurance Service Limited fil-kwalita' premessa taghhom is-somma ta' tlett mija erbgha u ghoxrin lira Maltin u tletin centezmu (Lm324.30c) u li jhallas lill-kumpanija Saybolt Malta Limited is-somma ta' tnax-il lira u hamsin centezmi (Lm12.50c).

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-lum.

L-ispejjez ghandhom jithallsu nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 18 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 604/98**

**Elmo Insurance Services Limited ghan-nom u b'nota tad-9 ta' Frar 2000 Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c. bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anton Darmanin qed tassumi l-atti minflok Elmo Insurance Service Limited ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera sun Alliance and London Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-Ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anton Darmanin u in rappresentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance and London Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anton Darmanin u l-istess Anton Darmanin**

**Vs**

**Mario Zahra**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut (1) jigi

dikjarat li hu responsabbli ghall-kollizzjoni li grat fit-23 ta' Gunju 1997 f'Hal-Safi tort tieghu bejn il-karozza Escort TFA 098 misjuqa minnu u l-karozza GAA 916 misjuqa mill-attur Anton Darmanin u assikurata mal-kumpanija attrici u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u (2) u jkun konsegwentement kundannat ihallas is-somma ta' seba' mija u seba' liri Maltin disgha u erbghin centezmi (Lm707.49) bhala danni kwantu ghas-somma ta' hames mija u sbatax-il lira Maltin disgha u erbghin centezmi (Lm517.49) lill-kumpanija attrici bhal s-somma minnha sbursata taht il-polza ta' sigurta' u kwantu ghas-somma ta' mija u disghin lira Maltin (Lm190) lill-attur Anton Darmanin danni li huwa bata u sborza de proprio.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Frar 1998 u bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-istess ittra ufficjali kif ukoll bl-ispejjez tal-ittra ufficjali kontestwali kontra l-kumpanija ta' sigurta' tal-karozza misjuqa mill-konvenut.

Bil-konvenut mharrek ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

(1) Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-Avviz ma garax tort tieghu, izda gara unikament tort u htija tal-assikurat tal-attur li naqas mill josserva r-Regolamenti tat-Traffiku, u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

(2) Illi stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni fi kwalunkwe kaz huma ezagerati.

(3) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet lix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkundisrat:

Illi ghalkemm il-kollizzjoni giet indikata li grat f'Church Square, Hal-Safi, mill-isketch esebit PS 1448 Victor Buttigieg a fol 45 tal-process, u

mill-isketch esebit mill-konvenut a fol 47 tal-process, jirrizulta illi hu iktar verosimili jinghad illi l-kollizzjoni grat fil-post ezatt fejn tizbokka t-triq illi taghti ghaz-Zurrieq fejn din tizbokka f'Church Square Hal-Safi.

Jirrizulta illi minn go din it-triq illi taghti ghaz-Zurrieq, kien qed jipprocedi l-konvenut waqt illi l-attur kien qieghed jipprocedi mit-triq illi minn Hal-Kirkop taghti ghall-istess Church Square u kien l-attur illi ried jidhol gewwa Triq li taghti ghaz-Zurrieq.

Jirrizulta wkoll illi fuq iz-zewg nahat tat-triq illi taghti ghaz-Zurrieq kien hemm vetturi pparkjati filwaqt li fuq il-lemin tal-konvenut l-vettura pparkjata kienet van tal-hobz li prezumibbilment kienet ukoll xi ftit maqlugha minn mal-genb tat-triq.

Jirrizulta wkoll peress illi l-konvenut ma giex ikkontestat f'din l-allegazzjoni illi l-attur qabel ma zbokka go Church Square, kellu sinjal li jindika illi kellu jieqaf biex jesplora t-triq qabel ma jipprocedi gol-pjazza. Evidentement billi t-traffiku illi seta' jkun qed jipprocedi fil-pjazza seta' kien biss provenjenti minn fejn kien gej il-konvenut, l-istop sign illi kien hemm li tobbliga lill-attur biex jieqaf kienet bilfors intiza biex iggieghel lill-attur jesplora sew il-vicinanzi ghat-traffiku li seta' kien provenjenti minn fejn kien gej il-konvenut biex huwa ma jostakolahx. Inoltre jidher illi l-vizwali tal-konvenut ghad-direzzjoni fejn ried imur ma kinitx ostakolata u ma kellux ghalfejn jippretendi illi kif ser jizbokka go Church Square minn fuq il-lemin tieghu kellu jsib vettura illi ma kinitx qieghda tipprocedi mal-estrem xellug tat-triq.

Ghaldaqstant minn dawn ic-cirkostanzi kollha ssib illi huwa l-attur Anton Darmanin stess illi huwa responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni. U ghaldaqstant qieghda tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg